MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2013

Numru. 196/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**

**VS**

**SHAWAKH KASEM**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Shawakh Kasem, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 26426 A.

**Akkuzat talli:**

Gewwa Bahar ic-Caghaq (Naxxar), f'dawn il-Gzejjer, nhar is-26 ta` Frar, 2013, ghal habta ta` bejn il-hdax (11:00am) u l-hdax u kwart (11:15am) ta` filghodu, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` Khalil Suwilah f'periklu car, ikkagunalu ferita ta` natura gravi billi tah daqqiet b'oggett iebes (Katina) lill-imsemmi Khalil Suwilah f'wiccu u f'rasu.

Ukoll talli fl-istess hin, lok, data u cirkostanzi ikkaguna griehi ta` natura gravi lil Khalil Suwilah skont ma ccertifika Dr. C. Gauci, MD 3485.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmi Khalil Suwilah, u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta` Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.
Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi prodotti u semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 216 u 412 (c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Fuq ammissjoni, dina l-Qorti ma ghandha l-ebda alternattiva ohra hlief li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rigwardanti l-piena, dina l-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba` (4) snin ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dina l-Qorti tordna Ordni ta` Protezzjoni kontra l-akkuzat, Shawakh Kasem, a tenur tal-Artikolu 412 C (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dina l-Qorti tordna l-konfiska tal-katina.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------